MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 262/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mohammed Abdullah Mohammed**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mohammed Abdullah Mohammed talli nhar-is 27 ta’ Novembru 2010 għal- ħabta tas-7.00 a.m., fi Triq ix-Xatt, Gżira waqt li kien qieghed isuq vettura numru AAI-512 ta’ l-għamla Daewoo:

(1) b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Inmaculada Maria San Jose Vega,

ta' nazzjonalita` Spanjola, hekk kif iċċertifika Dr. Malcolm Caruana M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

(2) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq vettura numru reġistrazzjoni FQZ-368, ta' l-għamla Kia, liema ħsara teċċedi l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1,164.69) għad-dannu ta' Simon Gatt Baldacchino u/jew persuni oħra;

(3) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna ħsara fuq vettura numru BCK-235, ta' l-għamla Peugeot, liema ħsara teċċedi l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1,164.69) għad-dannu ta' Saviour Meli u/jew persuni oħra;

(4) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament, ikkaġuna ħsara fuq vettura numru AMI-400, ta' l-għamla Ford, liema ħsara teċċedi l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1,164.69) għad-dannu ta' John Cassar u/jew persuni oħra;

(5) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġuna ħsara f'proprjeta` tal-Gvern amministrata mill-Kunsill Lokali tal-Gżira, liema ħsara teċċedi l-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€116.47) iżda hija anqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1,164.69);

(6) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu taħt il-kontroll tiegħu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI-512, ta' l-għamla Daewoo, fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minħabba xorb;

(7) fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi saq vettura numru AAI-512, ta’ l-għamla Daewoo, b’mod perikoluz;

(8) fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi saq vettura numru AAI-512, ta’ l-għamla Daewoo, b’manjiera traskurata;

(9) fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi saq vettura numru AAI-512, ta’ l-għamla Daewoo, b’veloċita` qawwija;

(10) fl-istess data, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin ghaxra ta’ fil-għodu fi Triq it-Torri, Sliema waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura numru AAI-512, ta’ l-għamla Daewoo, daħal fl-imsemmija triq kontra s-sinjali ndikati (L.N. 94/1969);

(11) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u f’dawn l-aħħar xhur f’dawn il-Gżejjer, saq vettura ta’ l-għamla Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI-512, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` għat-Trasport ta’ Malta taħt dik il-kategorija speċifikata biex issuq dik l-imsemmija vettura;

(12) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u f’dawn l-aħħar xhur f’dawn il-Gżejjer, saq vettura ta’ l-għamla Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI-512, mingħajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji ta’ terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f’każ ta’ ħtija, minbarra l-piena stabbilita, l-imsemmi Mohammed Abdullah Mohammed jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Mejju 2011, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Mohammed Abdullah Mohammed ħati tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u għalhekk illiberatu minn dik l-imputazzjoni; ma sabitux ħati tas-sitt u tat-tnax-il imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu billi l-Avukat Ġenerali ma ndika ebda artikolu tal-liġi dwar dawn l-

imputazzjonijiet u għalhekk illiberatu minnhom; u sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu; u wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a) u 328 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli [*recte:* regolamenti] 67, 71, 88, 89, 90 u 127 ta' l-Avviż Legali 128 ta' l-1994 (L.S. 65.11), ikkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija. Inoltre rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u kkundannat lill-istess Mohammed Abdullah Mohammed għall-ħlas ta' €81.45 spejjeż inkorsi f'din il-kawża. Minbarra dan, inibietu li jkollu liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena liema terminu għandu jibda jiddekorri wara li jiskonta l-piena karċerarja;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Mohammed Abdullah Mohammed ipprezentat fl-10 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qortitikkonferma s-sentenza appellata "in rigward il-hames, sitt u tnax-il akkuza, billi specifikament tiddikjara li qieghda tillibera l-imputata [*sic!*] minn dawn l-istess akkuzi; u tvarja l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba', it-tmien, id-disa, l-ghaxar u l-hdax-il akkuza ghal piena inqas minn dik imposta mill-Qorti tal-Magistrati";

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 l-Avukat Dottor Lara Lanfranco ghall-Avukat Generali eccepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell stante illi r-rikors huwa priv mill-fatti fil-qosor u peress illi t-talba ma saritx skond il-ligi. Mill-banda l-ohra l-Avukat Dottor Cedric Mifsud ghall-appellant iddikjara li l-fatti tal-kaz huma fl-appell, partikolarment hemm referenza ghalihom fl-aggravji. Din il-Qorti ezaminat ir-rikors ta' appell u, ghalkemm certament mhuwiex redatt bl-ahjar mod possibbli, in kwantu fatti fih il-minimu necessarju u in kwantu t-talba huwa car li dak li qieghed jitlob l-appellant hija riforma fil-piena. Ghalhekk il-pregudizzjali ta' l-Avukat Generali huwa michud.

**6.** Issa, dan l-appell huwa dwar il-piena u l-ewwel ilment ta’ l-appellant huwa illi l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali mhuwiex applikabbli ghall-kaz peress illi huwa ma kkaguna l-mewt ta’ hadd minhabba xi nuqqas jew traskuragni tieghu. Huwa minnu illi l-appellant ma giex akkuzat li kkaguna l-mewt ta’ xi hadd. Izda dak li ma nnutax l-appellant hu li dan l-artikolu jrid jinqara flimkien ma’ l-artikolu 226(1)(a). Dan l-artikolu jibda biex jghid: “**Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna ….”** Il-fatti msemmijin fl-artikolu 225 jikkonsistu filli xi hadd jikkaguna offiza fuq il-persuna **“b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti”**, li huma l-fatti li bih gie akkuzat l-appellant.

**7.** Ilment iehor ta’ l-appellant hu li ghalkemm l-appellant instab hati taht l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Qorti ma specifikatx taht liema paragrafu ta’ dak l-artikolu. Huwa jsostni illi f’dan il-kaz il-paragrafu (b) huwa applikabbli. Issa, ghalkemm l-appellant jghid illi japplika l-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 328 imsemmi, din il-Qorti tosserva illi l-appellant m’ghandux ragun peress illi permezz tat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet l-appellant gie akkuzat li kkaguna hsara nvolontarja u mhux offiza gravi fuq persuna, u ghalhekk huwa l-paragrafu (d) li huwa applikabbli fejn il-piena hija nqas minn dik fil-paragrafu (b), u cioe` l-piena ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

**8.** L-appellant jghid ukoll illi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet taht l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-ebda wiehed minnhom ma jikkontempla piena ta’ prigunerija ta’ izjed minn sena hlief l-artikolu 15(2) f’kaz li l-appellant kien diga` misjub hati fuq l-istess akkuza, li ma japplikax f’dan il-kaz. Din il-Qorti jkollha tirrimarka li jidher li l-appellant ghandu test tal-ligi differenti minn dak ufficjali peress illi l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 jirreferi ghall-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux anqas minn sena u ma hemm l-ebda referenza ghal prigunerija

f’dan l-artikolu 15(2). Huwa fl-artikolu 15(1) li hemm referenza għall-piena, u cioe` tal-multa ta’ mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta’ mhux iżjed minn tliet xhur.

**9.** L-appellant jghid ukoll illi l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma ziditx il-piena bi grad jew tnejn. Effettivament fid-*decide* l-ewwel Qorti ma taghmilx referenza ghal dan l-artikolu u stante li dan huwa beneficcju li jinghata lill-appellant, f’dan il-kaz kien zgur ta’ beneficcju ghalih kieku applikatu in vista tal-fatt li huwa applikabbli wkoll l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali.

**10.** L-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti qabzet il-parametri tal-piena u ma setghetx tikkundannah ghal aktar minn sena prigunerija. F’dan l-appellant lanqas ma hu korrett. Il-piena ghar-reat kontemplat fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali hi dik ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa ta’ mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (4,658.75). Dwar it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet, il-piena massima hi dik ta’ tliet xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 (beneficcju moghti lill-appellant mill-Avukat Generali permezz tan-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-15 ta’ April 2011) titla’ bi grad ghal massimu ta’ sitt xhur u b’zewg gradi ghal massimu ta’ disa’ xhur. Bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali l-piena li tizdied mal-piena ghar-reat l-aktar gravi hi minn terz sa nofs. Jigifieri mal-piena massima ta’ sena prigunerija dwar l-ewwel imputazzjoni tista’ tizdied piena massima ta’ erba’ xhur u nofs prigunerija dwar it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet. Imbaghad trid tizdied minn terz sa nofs tal-piena kontemplata fl-artikolu 15(a) tal-Kap. 65, jigifieri piena massima ta’ xahar u nofs prigunerija. Dwar ir-reati kontravvenzjonali l-appellant huwa korrett meta jghid illi l-piena applikabbli mhijiex dik ta’ prigunerija. Ghalhekk il-piena massima ta’ prigunerija li setghet tigi nflitta fuq l-appellant hi dik ta’ sena u sitt xhur. Kwantu ghar-reati

kontravvenzjonali, dawn ghandhom jitqiesu assorbiti fir-reat ta’ sewqan perikoluz.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sena u sitt xhur, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------